MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1274/2003

**Citadel Insrance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Maria Concetta Reiter u l-istess Maria Concetta Reiter**

**Vs**

**Eric Saliba**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz ipprezentat fis-26 ta` Gunju 2003 li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta` mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm141) rapprezentanti danni sofferti in konsegwenza ta` incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta` Dicembru 2002 fi Triq Regjonali l-Imsida bejn il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni LAB 767 misjuqa minn Eric Saliba u l-vettura numru ta` registrazzjoni DAC 868 proprjeta` ta` Maria Concetta Reiter u assigurata mal-kumpanija attrici, liema incident gara unikament b'negligenza, imperizja u

nuqqas ta` harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` att kawtelatorju precedenti u tal-ittra ufficjali tat-28 ta` Frar 2003 u dik ipprezentata kontestwalment a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta` Malta u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenut debitament notifikat ma ressaqx Risposta izda deher ghas-seduta tas-26 ta` Settembru 2003 u ddikjara li qed jikkontesta r-responsabbilta tal-incident mertu tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta` Dr Edmond Zammit Laferla u ta` Maria Concetta Reiter.

Ra d-dokumenti ezebiti u l-atti tal-kawza.

Ra li fis-seduta tat-3 ta' Frar 2004 il-kawza giet imhollija ghas-sentenza in difett d'ostakolu u li ma gie pprezentat ebda rikors li permezz tieghu ntalbet is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mix-xhieda ta` Maria Concetta Reiter jirrizulta illi l-incident sehh f'Regional Road, l-Imsida fil-karregjata mid-direzzjoni tal-Hamrun ghal San Giljan, f'dik il-parti ta` Regional Road li tigi ezatt malli taqbez il-pont li jigi fuq Valley Road qabel ma taqbad it-telgha li taghti ghall-mini fejn l-Universita`.

Hekk kif Maria Concetta Reiter kienet qieghda tibda t-telgha, giet vettura misjuqa minn Eric Saliba minn warajha u laqtitha fuq il-bieba ta` wara fuq in-naha tal-lemin. Hija kienet qed issuq fil-lane ta` gewwa.

Din il-verzjoni tinsab korraborata minn Road Accident Report u anke mill-iskizz li jinsab ezebit li minnu jidher car illi l-vettura LAB 767 misjuqa mill-konvenut dahlet fil-karregjata tal-vettura DAC 868 misjuqa mill-attrici.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju illi l-incident sehh unikament tort ta` imperizja u negligenza da parti tal-konvenut li kien qed jaghmel manuvra ta` overtaking tal-vettura misjuqa minn Maria Concetta Reiter u probabilment haditu d-dawra u b'hekk baqa' diehel fil-gemb tal-vettura ta' Maria Concetta Reiter. Dan juri nuqqas ta' kontroll sufficjenti tal-vettura u fl-assenza ta' spjegazzjoni ohra, dan in-nuqqas ghandu jigi ekwiparat bhala negligenza w imperizja.

Ghar-rigward tad-danni, mid-dokumenti pprezentati u kkonfermati bil-gurament minn Dr Edmond Zammit Laferla, d-danni huma ta` mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm126.50c) li maghhom wiehed irid izid hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm11.50c) bhala *survey fees and expenses* u tlett liri Maltin (Lm3) tar-*Road Accident Report* biex komplessivament igibu s-somma ta` mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm141).

Maria Concetta Reiter kienet assigurata taht polza *fully-comprehensive* li garret maghha excess ta` mitt lira Maltin (Lm100) u ghalhekk l-assikurazzjoni hallset wiehed u erbghin lira Maltin (Lm41) mentri mitt lira Maltin (Lm100) *excess* tbatihom l-attrici.

Konsegwentement anke l-*quantum* jidher gustifikat u t-talbiet attrici kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni mertu tal-kawza u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta` mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm141) kwantu ghal mitt lira Maltin (Lm100) lill-attrici Maria Concetta Reiter u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm41) lis-socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-interessi mill-10 ta` Lulju 2003 (data tan-notifika tal-Avviz) kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------